Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-ERBGHA W TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 7 ta' April 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.30pm |

**Prezenti**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

### 1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI

Approvati unanimament.

Sospenssjoni tal-laqgha mis-Sindku sabiex jitkellmu r-residenti prezenti.

Beda s-Sur Roger Clark fejn talab sabiex jinzamm infurmat fuq il-procedimenti taxxoghlijiet fit-triq tieghu. Qal li dan l-ahhar sar kanal dejjaq u kif ura mir-ritratti l-ilma mexa l-isfel u allura dan ifisser li m'hemmx daqstant problema ta' livelli. Il-Kunsill kiteb lill-MEPA fit-2 ta' April sabiex issir land survey u jingabu l-livelli tat-triq kif suppost qeghdin u mahrugin minnhom u minn hemmhekk il-Kunsill jimxi.

Residenti minn Triq il-Pitkali qalu li t-traffiku fit-triq taghhom b'konnessjoni mal-MFCC, Ta' Qali, l-Pitkalija u l-loghob tal-futbol zdied drastikament. Is-Sur Vella Bonnici qal li l-one-way kienet ideja tajba pero' jridu jsiru No right turn u No left turn mat-toroq kollha. Is-Sur R. Cassar qal li meta kien hem mil-one-way fi zmien it-Trade Fair il-problema ttaffiet. Is-Sur Vella Bonnici qal li burdell shih kien hemm mhux ittaffiet il-problema. Is-Sur N. Pace qal li l-problema mhix gejja mit-toroq Gradilja u Victor Vassallo imma minn Triq il-Pitkalija. Il-Kunsill talab l-ADT li t-triq issir one-way u wara xahar prova il-Kunsill kiteb li kien kuntent imma l-ADT wara li ghadda z-zmien ta' prova fettilha minn jeddha tnehhihom. Is-Sur Pace kompla li issa l-ADT ghandha direttur gdid u forsi minn hemm nimxu imma trid issir petizzjoni minn kulhadd. Ghar-rigward ta' sidien ta' hwienet la ghandhom il-permess ghandhom dritt joperaw. L-Avukata Gauci Baluci qalet li hu ghandu permess ta' furnar u ghalhekk jopera b'dawk il-hinijiet. Is-Sur Vella Bonnici sahaq li dan kollu kien telf ta' hin. Is-Sur Spiteri qal li ma kienx fair li jghid li qed jahli l-hin meta l-Kunsill hareg ghonqu ghar-residenti. Hu qal li l-backing tal-Kunsill hem qieghed. Ir-residenti kollha esprimew l-ilmenti taghhom ghax-showroom tal-muturi li

ghandha change of use ghall-bakery ohra, l-ispeed eccessiv, in-noise pollution etc. is-Sur Spiteri tenna li ma tikkuntenta l-hadd. Qal li saret CCTV u xorta kulhadd igerger.. is-Sur J.P. Bonnici qal li hadd ma jista' jghid li mhux vera li ma jinghatawx daqstant citazzjonijiet ghax il-Kunsill jircievi numru sabiex jithallsu. L-Onorevoli Charlo Bonnici ssuggerixxa li jkunu mistiedna l-Pulizija. Is-Sur Pace kkonkluda li l-Kunsill ghandu jistenna mill-ADT risposta ghall-laqgha u kulhadd jigi notifikat.

Is-Sur Cassar ha din l-okkazjoni sabiex jaghti rapport fuq xi haga ohra igiefieri l-laqgha li kellu s-sotto-kumitat tal-Bord Azzjoni Wied Incita (Minuti tal-Laqgha Annessi). Hu qara xi punti li hargu minn din il-laqgha u ta spjegazzjoni fuqhom. Hu kompla billi qal li wara daqstant zmien fejn il-MEPA ma haditx azzjoni u ma nfursatx, il-Bord ddecieda li jqabbad Perit sabiex jithejja rapport dettaljat fuq l-gholi tal-munzell u t-tfiegh ta' l-irdim u Avukat sabiex jittiehdu proceduri legali. Is-Sur Pace staqsa ghaliex mhux ha jitqabbdu l-Periti tal-MEPA? Is-Sur Cassar qal li din hi inizjattiva tal-Bord u b'hekk ikollna bazi fuq x'hiex nitkellmu. Is-Sur Spiteri qal li hu u s-Sur Zammit marru mas-Sur Joe Borg sabiex jaraw il-kundizzjoni ambjentali tal-Wied ub'hekk wiehed jolqot zewg ghasafar b'gebla wahda. Hu qal li meta membri tal-Bord iltaqghu mal-MEPA kienu lesti jghalqu ghajnejhom fuq il-bini tal-pont. L-Avukata Gauci Baluci qalet li tal-barriera ma kienx ha jhalli Perit tal-Kunsill jiehol zgur. Xi residenti qalu li kultant iwitti xi ftit mit-terrapin imma l-MEPA bla kontroll. Is-Sur Pace qal li l-Kunsill mal-MEPA ghandu x'jaqsam. L-Avukat Robert Mangion qal li ilu 15-il sena jikteb u l-Kunsill m'ghandu ebda awtorita' sabiex titlob il-MEPA tqabbad Perit. Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra mibghuta mill-MEPA. L-Avukat Mangion qal li sid il-barriera ghamel jumejn ghalaq l-access minn H'Attard u wara li kwieta kollox u l-affarijiet ikkalmaw rega' beda bl-attivita' min-naha ta' H'Attard. Hu talab ghalhekk li l-Kunsill jiehu azzjoni u jqabbad ukoll avukat kif iddecieda l-Bord sabiex isir mandat t'inibizzjoni. Is-Sur Pace qal li f'dan l-istadju l-ewwel jitqabbad il-Perit u mbaghad jekk ikun il-kaz wiehed jara xi proceduri legali jistghu jittiehdu sabiex il-Kunsill ma jidholx fi spejjez bla bzonn. L-Onorevoli Bonnici qal li l-istorja twalet bla bzonn u jahseb li biex wiehed iwassal messagg hemm bzonn ta' Press Conference mhux Press Release. Is-Sur R. Cassar ippropona li jitqabbad il-Perit taghna u s-Sur M. Spiteri ssekonda. Is-Sur Spiteri qal li jrid jinghata time frame sa l-ahhar tax-xahar, issir Press Conference fejn wiehed jikkwota l-ittra tal-MEPA u jigi pprezentat ir-rapport tal-Perit u wara wiehed jara jqabbadx Avukat jew le kif diga' ntqal.

Ghalhekk gie deciz li jitqabbad Perit, issir Press Conference li tkun akkumpanjata minn Press Release jekk jista' jkun fl-istess gurnata filwaqt li xorta ssir reminder lill-MEPA fuq l-ittra taghna u t-talba sabiex il-Bord jerga' jiltaqa mac-Chairman.

Tkellmu wkoll rapprezentanti (Alvin u Julian) ta' kumpanija li ha tissuplixxi bins ghall-klieb bil-boroz tal-plastik l-unika spiza li jkollu l-Kunsill. Is-Sur Pace saqsa fuq hsarat, jekk il-kumpanija tibdielx il-bin minghajr spejjes zejda ghall-Kunsill. Huma qalu li ha jkun hemm spiza minima ta' €34 kull bin li wara jigi mivdi minhabba li qed isir ftehim fuq reklamar li jista' jinqasam 50/50 mal-kumpanija. L-ispiza totali tigi ghall-€320.

## 2. KORRISPONDENZA

🗁 E-mail Ray Abela TCTC fuq proposta sabiex bhas-snin ta' qabel jergghu isiru l-korsijiet b'xejn E-Tfal. Il-Kunsill approva l-ispiza kif ukoll l-ghazla ta' fejn se jsiru din is-sena i.e. Fic-Centru Parrokkjali bil-patt li TCTC toffri projector b'xejn, u laptop 50/50 mal-Kunsill lill-Parrocca. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

🗁 E-mail minghand is-Sinjuri Chircop rigward it-tabella tal-one-way fi Triq A. Durer. Dawn ilmentaw li din it-tabella hi falza u bla skop. Is-Sur Spiteri qal li l-one-way saret biex tissalvagwardja l-interessi tar-residenti waqt il-hin ta' l-iskola. Kulhadd jaf li Triq ir-Ruzell ma tiflahx ammont kbir ta' traffiku tiela' w niezel min dik il-*bottle neck.* Is-Sur S

Cordina ssuggerixxa li tintbaghat ittra llir-residenti u ssir spjegazzjoni ta' ghaliex it-tabelli ahjar jibqghu hekk imma s-Sur Spiteri ma qabilx ghax qal li iktar jinqalghu polemici. Il-Kunsill qabel li dawn it-tabelli ghandhom jibqghu kif originarjament gie deciz anka habba l-fatt li jnaqqsu t-traffiku minn din it-triq specjalment waqt il-hin ta' l-iskola..

🗁 Ittra minghand residenta li giet imressqa mis-Sur Cordina sabiex issir Bus Stop addizzjonali fi Triq il-Linja ghar-rotta 810 minn Had-Dingli.

🗁 Diversi e-mails rigward il-qtates gewwa Gnien l-Istazzjon. Wara diskussjoni kemmxejn fit-tul fejn gie spjegat li l-Kunsill fl-ebda hin u bl-ebda mod ma jrid inehhi jew jestermina dawn il-qtates imma li jrid inaqqas l-ammont. Il-Kunsill qabel li jara kif ha jizvolgu l-affarijiet u jekk jibqghu jippersistu l-ilmenti il-Kunsill ma jkollux alternattiva hlief li jaghti donazzjoni u s-Santwarju jiehu parti minn dawn il-qtates.

## 3. DRAFT BUDGET

Is-Segretarju Ezekuttiv ta' spjegazzjoni fuq id-Draft Budget u kif gie mfassal. Min dan il-Budget tnaqqsu l-ammont ta' flus pagabbli lill-credituri. Wara xi mistoqsijiet min-naha tal-Kunsilliera bhal jekk l-ispejjez tar-refurbishment tal-Kunsill kienu mehuda mill-Budget ta' din is-sena jew is-sena li ghaddiet liema mistoqsijiet gew irrisponduti kollha il-Kunsilll approva l-Budget hekk kif sottomess. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din is-sena l-Kunsill ha jispicca b-Deficit li ghalkemm mhux gravi ghax ghad iridu jingabru €30,000 minghand l-UIF, €30,000 minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma eskluzi €13000 tal-Pre-Model Agreement pero' ghad jonqos hafna xi jsir sabiex jitnaqqas l-izbilanc. Il-fatt jibqa' li l-Kunsill prezentament ghandu nefqa iktar mid-dhul u jekk mhux sa jsir trazzin fuq l-infieq hekk ha nibqghu. Irid isir sforz sabiex ix-xoghol jibqa' ghaddej imma jittiehdu prekawzjonijiet fuq l-infieq bla bzonn.

## 4. GARANZIJA BANKARJA UFFICCINI GODDA TAL-KUNSILL.

Sar qbil unanimu li l-Kunsill jorbot €13,000 li jigu mislufa mill-Bank bhala Garanzija Bankarja ghall-Ufficcini tal-Kunsill.

## 5. CENTRAL MALTA LOCAL PLAN

Is-Sur M.Spiteri qal li l-Kunsill ma tantx ircieva proposti imma dawk il-punti kollha mressqa mill-Kunsilliera gew migbura f'dokument wiehed li ha jintbaghat lill-MEPA. L-Avukata Gauci Baluci qalet kif peress li missierha kuntrattur sikwit ikollu spezzjonijiet mill-MEPA fuq ilmenti imma ma setghetx tifhem kif nies bhal dawn baqghu ghaddejjin bl-izvilupp sfrenat minghajr ma qisu hu xejn.

## 6. PUNTI MQAJJMA

Il-Kunsilliera qajmu dawn il-punti:

☑ Is-Sur John P.Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Talba sabiex isir yellow line hdejn l-entratura tal-fabbriki fi Triq l-Imdina
- Rraporta xi hofor fi Triq Victor Vassallo, Dun Gwann Theuma u Triq l-Gharix
- Hofra ohra hdejn l-Ivory and Co.
- Sinjal fi Triq is-Salvatur sabiex jitranga.
- Bin imkisser hdejn il-Kazin tal-Labour

- Loghob bil-ballun fil-Pjazza sa tard filghaxija li qed idejjaq lill-kulhadd. Ghandha tintbaghat ittra l-ghassa.

☑ Is-Sur Ralph Cassar staqsa fuq il-laqgha Pubblika u meta din ha ssir. Gie deciz li din issir nhar il-Hamis 14 ta' Mejju fis-6p.m.
☑ L-Avukata Gauci Baluci fakkret fuq l-ilment tas-Sur Tonio Zammit Cordina sabiex il-Kunsill jivverifika mal-MEPA jekk il-permessi ta' Fruitland humiex konformi.

☑ Is-Sur Stefan Cordina talab sabiex:

- Isiru xi twieqi ghall-kmamar ta' l-AAC. Is-Sur Pace qal li issa wiehed jara skond dak li ha ninghataw fuq inizjattivi sportivi min-naha tal-Gvern ghax hu jidhirlu li s'issa gew moghtija bizzejjed affarijiet.
- Tissewwa hnejja ta' l-arkati fi Gnien l-Istazzjon.
- Jinzabru s-sigar ta' Triq Tursin ir-Rih.
- Jigi organizzat il-parking wara l-knisja minhabba li kull nhar ta' hadd ikun hemm gegwigija ta' karozzi ipparkjati fin-nofs. Jew isiru xi tabelli *parking within the lines* jew kif kompla s-Sur Pace xi hedging.
- Isir appuntament mas-Sur T. Ciantar li kien qed jilmenta fuq diversi affarijiet li joqghod fi Triq Sant'Anton. Is-Sur Ciantar sa jigi mitlulb iressaq dawn il-punti bil-miktub.

☑ Is-Sur M. Spiteri informa l-kulhadd fuq il-Fiera tal-Frawli li kienet sa ssir nhar il-10 ta' Mejju. Is-Sur Pace qal li s-Sinjura Joyce gha-nom ta' Frott Artna kienet sa tiehu hsieb kollox hi imma l-attivita' ssir taht il-kappa tal-Kunsill. Fakkar ukoll fil-Family Fun Day u li l-organizzaturi ghandhom jghaddu l-Kunsill koppja ta' l-ispejjez li ghandna nhallsu bhala wiehed mill-isponsors.

☑ Is-Sur A. Zammit talab sabiex tigi *sealed* tappiera li tinsab fi Triq Haz-Zebbug hdejn il-Beldian Jewellary.

## 9. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm.

____________________ SINDKU

____________________ DATA